MALTA

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**MAĠISTRAT DR. NADIA H. VELLA**
**B.A., LL.D., Dip. Trib. Eccl. Melit.,**

Seduta ta' nhar l-10 ta' Lulju 2024

Avviż Numru: 267/2023NHV

**Stargate Studio Malta Limited**
(C55605)

**vs.**

**Fenix Entertainment Spa**

Il-Qorti

Rat l-**Avviż** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-3 ta' Novembru 2023, li permezz tiegħu, is-soċjetà rikorrenti talbet il-ħlas mingħand is-soċjetà intimata tas-somma ta' sebat'elef ħames mija u ħamsa u sebgħin ewro (€7575) rappreżentanti fis-somma ta' elfejn ħames mija u ħamsa u sebgħin Euro (€2575) servizz prestat lis-soċjetà intimata kif ukoll ħamest'elef ewro (€5000) għal multa ta' late payment skont il-ftehim bejn il-partijiet.

Illi l-partijiet daħlu fi ftehim imsemmi VFX Services Agreement ffirmat fit-8 ta' Ottubru 2021. Is-soċjetà rikorrenti għamlet dak li kien miftiehem, filwaqt li minkejja interpellat diversi drabi sabiex jonera l-obbigi ta' ħlas, l-aħħar pagament għadu ma tħallasx;

Ġew mitluba wkoll l-ispejjeż, kontra s-soċjetà intimata, inġunta in subizzjoni.

Rat li mill-atti jirriżulta li s-soċjetà intimata ġiet debitament notifikata bl-avviż, kif ukoll bl-avviż tas-smigħ, bi traduzzjoni tal-imsemmija atti mill-Malta għat-Taljan, tramite is-servizz ta' courier u dana ai termini tal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2020/1784 tal-25 ta' Novembru 2020.

Rat l-**assenjazzjoni** tal-kawżi u d-doveri ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li daħlu fis-seħħ nhar id-19 ta' Frar 2024, illi permezz tagħha din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.

Rat illi minkejja li s-soċjetà konvenuta ġiet debitament notifikata, hija ma ppreżentat ebda risposta u lanqas qatt ma dehret fis-seduti miżmuma minn din il-Qorti.

Rat il-**provi** kollha mressqa mis-soċjetà rikorrenti fosthom ix-xiehda ta' Reuben Sciberras, General Manager tas-soċjetà rikorrenti[1] minn fejn irriżulta li s-soċjetà rikorrenti pprestat servizz ta' effetti viżivi fuq film li l-intimata ġibdet hawn Malta. Ix-xogħol sar fl-ewwel kwart tas-sena 2022 u bdew iħallsu għalkemm mill-bidu kien hemm ftit tad-dewmien. Meta s-soċjetà rikorrenti lestiet ix-xogħol, kien għad baqa' ammont dovut. Peress li l-intimata kellha bilfors bżonn ix-xogħol minħabba xi film festival fl-Italja, is-soċjetà rikorrenti ħassitha kostretta li tibgħat ix-xogħol. Ħallsu parti mill-ammont dovut iżda ħallew bilanċ ta' €7575.

Ippreżenta l-ftehim redatt bejn il-partijiet iddatat it-8 ta' Ottubru 2021[2], kif ukoll serje ta' imejls skambjati bejn il-partijiet fejn is-soċjetà rikorrenti qiegħda titlob il-ħlas dovut lilha u s-soċjetà intimata, filwaqt li qatt ma tinnega li l-ammont kien dovut, titlob iktar żmien għall-ħlas[3].

[1] Minnu mogħtija nhar is-26 ta' April 2024, fol 27 tal-proċess;
[2] Dokument esebit u mmarkat RS1, fol 31 tal-proċess;
[3] Dokument esebit u mmarkat RS2, fol 40 tal-proċess;

Rat illi minkejja li s-soċjetà intimata ingħatat il-fakoltà minn din il-Qorti sabiex tressaq il-provi tagħha f'seduta appożita, dina ma attendietx u ma ressqet l-ebda prova.

Il-Qorti għaldaqstant tqis li t-talba mressqa mis-soċjetà rikorrenti ġiet sodisfaċentement ippruvata minnha u kwindi ser tkun milqugħa.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa` t-talba attriċi u konsegwentement tikkundanna lis-soċjeta` intimata Fenix Entertainment Spa tħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' sebat'elef ħames mija u ħamsa u sebgħin ewro (€7575), bl-imgħax legali dekorribbli b'effett mit-3 ta' Novembru 2023, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, kif mitluba, huma a karigu tas-soċjetà intimata.

**Iffirmata:** **Dr. Nadia H. Vella**
Maġistrat

**Naomi Bonello**
Deputat Reġistratur